MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 562/2005

**Maria Consiglia armla minn Leone Fiteni fil-kwalita' taghha ta' legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Donatelli Fiteni, u Joseph Fiteni u b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 1991 Donatella Fileni u Joseph Fiteni assumew l-atti tal-kawza minflok ommhom**

**vs**

**Emanuel Fiteni, Pauline sive Polly mart Bill Bassett u Maria mart Roger Frendo, ahwa Fiteni, u l-istess Emanuel Fiteni gie konfermat kuratur biex jirrapprezenta lill-imsemmija Polly mart Bill Bassett assenti, b'digriet tas-17 ta' Novembru, 1986; u b'nota tas-6 ta' Lulju, 1999 Delina sive Adelina Abdilla assumiet l-atti tal-kawza bhala prokuratrici ta' l-assenti konvenuti Polly Bassett minflok Emanuel Fiteni, llum mejjet, u b'digriet tad-9 ta' Novembru, 1999 stante l-mewt ta' Emanuel Fiteni l-atti gew trasfuzi f'isem Teresa armla minn Emanuel Fiteni,**

**Delina sive Adelina mart Mario Abdilla, Rose sive Mary Rose mart David Gafa’ u Albert Fiteni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fl-10 ta’ Gunju, 2005, minn Teresa armla minn Emanuel Fiteni, Delina sive Adelina mart Mario Abdilla, Rose sive Mary Rose mart David Gafa’ u Albert Fiteni u l-istess Delina Abdilla bhala prokuratrici tal-imsiefra Pauline Bassett, li *in forza* tieghu wara li ppremettew illi:

Bis-sentenza fuq imsemmija din l-Onorabblki Qorti kienet iddecidiet il-kawza ta’ qsim ta’ wirt bejn il-partijiet billi prevja l-adozzjoni tar-relazzjoni peritali fl-interezza taghha;

Il-proprjeta’ *in komunjoni* li ghandha tigi diviza bejn il-kontendenti f’erba’ kwoti ndaqs qed tigi stabbilita f’dawk is-sostanzi mobiljari u immobiljari identifikati mill-Perit Legali fis-sezzjoni intitolata *“Assi Ereditarji”*.

Adottat il-pjan ta’ divizjoni preparat mill-istess Perit legali kif fuq riprodott b’mod li l-proprjeta’ *in komun* tigi diviza f’erba’ porzjonijiet indaqs bl-ekwiparazzjonijiet indikati fl-istess relazzjoni;

Bi ftehim bejn il-kontendenti assenjat lill-konvenuta Mary Frendo xebba Fiteni l-Porzjoni markata B waqt li l-porzjonijiet l-ohra A, C u D ghandhom jigu solteggjati fil-prezenza u bl-operat tan-Nutar li ser jigi mahtur biex jippubblika l-atti notarili u parti minnhom tigi assenjata lill-atturi indivizament bejniethom *a saldu* ta’ sehemhom provenjenti lilhom mill-wirt ta’ missierhom, waqt li z-zewg partijiet l-ohra jigu assenjati wahda kull wiehed lill-konvenuti l-ahwa Emanuel Fiteni u Polly Bassett;

Innominat lin-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel biex jippubblika l-att ta’ divizjoni f’hin, lok u post li jigi fissat minn din il-Qorti fuq talba ta’ xi wiehed mill-kontendenti u

lill-Avukat Dottor Thomas Abela bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

L-ispejjez jithallsu mill-kontendenti skond is-sehem rispettiv taghhom billi l-komproprjetarju ghandu kull dritt li jitlob l-intervent tal-Qorti biex jassigura pjan ta’ divizjoni gust.

Minkejja din is-sentenza l-att ta’ divizjoni hemm ordnat ghadu ma giex pubblikat u *kwindi* lanqas ghadhom ma gew assenjati l-porzjonijiet hemm imsemija bejn il-kontendenti.

Illum ghaddew iktar minn hames (5) snin mill-ghoti ta’ din is-sentenza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti terga’ tirrendi ezegwibbli l-imsemmija sentenza u tiffissa mill-gdid data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ divizjoni mill-imsemmija Nutar Gerard Spiteri Maempel.

Rat li hadd mill-intimati ma ppresenta risposta biex jikkontesta t-talba;

Rat li l-intimata Maria Frendo inverbalizat li, skond hi, ma gietx notifikata bil-kawza citazzjoni 1151/88 u li giet deciza minn din il-Qorti fid-29 ta’ Frar, 1996, u irriservat li tressaq proceduri kostituzzjonali fuq allegazzjoni li d-drittijiet taghha ghal smiegh xieraq gew lezi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrenti istitwixxew l-kawza odjerna biex jezegwixxu s-sentenza tad-29 ta’ Frar, 1996, billi kienu ghaddew aktar minn hames snin.  F’dan huwa segwew d-dispost ta’ l-

Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li *"wara l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li fih skond il-ligi t-titolu ezekuttiv imsemmi fl-Artikolu 253 seta' jigi ezegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti"*.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Pace vs Gauci", deciza fl-24 ta' Novembru, 2004, f'kawza ta' din ix-xorta l-Qorti ma tridx tezamina l-meritu tal-kaz, izda tara jekk l-obbligazzjoni naxxenti mis-sentenza gietx sodisfatta jew le. Hi osservat is-segwenti:

*"Mill-ezami ta' l-atti processwali l-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-kaz (i) ghaddew aktar minn hames snin, (ii) li l-legittimu kontradditur f'din il-kawza baqa' l-konvenut fil-kawza l-ohra, (iii) li dan gie debitament notifikat bl-istanza de quo anke jekk saret bil-procedura ta' l-affissjoni (ara fol. 21, fol. 25, fol. 27, fol. 39 u fol. 49) skond l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12, u (iv) li skond verbal a fol. 23 gie konfermat li l-ammont kien ghadu dovut;*

*L-intimat baqa' ma wegibx ghat-talba tar-rikorrenti. Certament anke kieku wiegeb dan ma setax jissolleva eccezzjonijiet fil-meritu f'kawza ghall-awtorizzazzjoni ta' ezekuzzjoni ta' sentenza. Dan anke ghaliex eccezzjonijiet konsimili setghu dejjem jigu facilment sollevati fil-proceduri antecedenti li wasslu ghas-sentenza. Kif kienet irragunat is-sentenza fl-ismijiet **"Emmanuele Falzon proprio et nomine vs Joseph Vella et"**, Appell Civili, 5 ta' Ottubru, 1988, kieku l-Qorti kellha taccetta l-principju li l-konvenut jithalla jqajjem eccezzjonijiet fil-meritu tkun qeghda tiftah il-bieb ghall-abbuzi fis-sens li konvenut jinghata l-opportunita' li jtawwal il-proceduri kontrih".*

F'dan il-kaz, l-unika kontestazzjoni tressqet min Maria Frendo li osservat li hi ma gietx notifikata bl-atti tal-kawza originali. Il-Qorti tirrileva li, mill-atti jidher li hi, fil-fatt, giet notifikata, ghalkemm baqghet kontumacia. *Inoltre*, jekk kienet thoss li kien hemm xi nuqqasijiet fil-proceduri, setghet dejjem tappella mis-sentenza ta' din il-Qorti jew titlob ritrattazzjoni taghha; dan m'ghamiltux u jidher ukoll li

t-termini stabbiliti fil-ligi ghall-esercizzju ta’ dawn ir-rimedji, skadew f’kull kaz.

Jista’ jkun li d-dritt li titlob rimedju kostituzzjonali ghadu miftuh ghal din l-intimata, *pero’*, din ic-cirkustanza ma jaghtix lok ghas-soprasessjoni ta’ dawn il-proceduri. Kif inhu maghruf, hemm obbligazzjoni ta’ soprasessjoni f’kaz biss li Qorti Inferjuri taghmel riferenza lil din il-Qorti ta’ xi punt ta’ natura kostituzzjonali sollevat quddiema minn xi parti u meta tqies li l-punt hekk sollevat mhux vessatarju u frivolu; f’cirkustanza ohra, ghalkemm xi parti f’kawza tkun resqet ilment kostituzzjonali ghal konsiderazzjoni tal-Qorti kompetenti, hija fid-diskrizzjoni tal-Qorti tordnax is-soprasessjoni jew le. F’dan il-kaz, wara li din il-Qorti ezaminat l-atti u qieset ic-cirkostanzi tal-kaz (fosthom li l-intimata tidher li giet notifikata bl-atti tal-kawza principali u anke ippartecipat fil-proceduri), ma tarax lok li tissoprassjedi – anke ghalhiex, ma saretx talba f’dan is-sens mill-imsemmija intimata.

F’kazijiet ta’ din ix-xorta, huma evidenti illi r-rikorrenti ma jkunux qed jitolbu kanonizazzjoni mill-gdid tal-kreditu taghhom, izda biss awtorizazzjoni biex jezegwixxu titolu ezekuttiv gia kanonizzat bis-sentenza precedenti. F’dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet “Portelli noe vs Azzopardi pro et noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Mejju, 1997.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta, u tiffissa l-jum tal-Hamis, 30 ta’ Marzu, 2006, u l-hin tal-11.00am li fih ghandu jigi ppubblikat il-kuntratt ta’ divizjoni imsemmi minn Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel; il-qbija tad-disposittiv tas-sentenza moghtija fid-29 ta’ Frar, 1996, qed jigu konfermati.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu bin-nofs bejn ir-rikorrenti u l-intimata Maria Frendo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------